



Dokument ta' sessjoni

A9-0147/2021

27.4.2021

RAPPORT

dwar li nilħqu l-objettivi tal-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tal-Politika
Komuni tas-Sajd
(2019/2177(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Søren Gade

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	15
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar li nilħqu l-objettivi tal-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tal-Politika Komuni tas-Sajd (2019/2177(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2019 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u dwar konsultazzjoni b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 (COM(2019)0274),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2021"(COM(2020)0248),
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi²,
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) li jevalwaw il-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art għall-Baħar tat-Tramuntana (2016-2017), l-Ilmijiet tal-Majjistral (2016-2017) u l-kavalli fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Majjistral (2015-2017),
- wara li kkunsidra r-rapporti plenarji tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) (PLEN 20-01, 19-01, 18-01 u 17-01), u r-rapporti tiegħu "Evalwazzjoni tar-Rapporti Annwali tal-Istati Membri dwar l-Obbligu ta' Ħatt l-Art (għall-2019)" (Adhoc-20-02), "Il-Monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd" (Adhoc-01-20) u l-"Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Konġunti dwar l-Obbligu ta' Ħatt l-Art u dwar ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi" (STECF-20-04),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol³,
- wara li kkunsidra l-artiklu bit-titolu "The unintended impact of the European discard ban" (L-impatt mhux intenzjonat tal-projbizzjoni Ewropea fuq l-iskartar) ippubblikat fl-

¹ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

² ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

³ ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12.

ICES Journal of Marine Science⁴,

- wara li kkunsidra l-istudju "Implementation of the EU Fisheries control system by Member States (2014–19)" (L-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE mill-Istati Membri (2014-19)), mitlub mill-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra l-istudji mitluba mill-Kumitat għas-Sajd dwar l-obbligu ta' ħatt l-art u l-ispeċijiet bi kwota limitanti fis-sajd ta' diversi speċijiet u imħallat fil-Baħar tat-Tramuntana⁵, fl-Ilmijiet tal-Majjistral⁶ u fl-ilmijiet tal-Lbiċ⁷, u l-istudji dwar il-projbizzjoni fuq l-iskartar, l-obbligu ta' ħatt l-art u r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-Punent tal-Mediterran^{8,9},
 - wara li kkunsidra l-ktieb "The European Landing Obligation: Reducing discards in complex, multi-species and multi-jurisdictional fisheries"¹⁰ (L-Obbligu Ewropew tal-Ħatt l-Art: It-tnaqqis tal-iskartar f'sajd kumpless, ta' diversi speċijiet u multigiurisdizzjonali), ippubblikat fl-2019,
 - wara li kkunsidra r-rapport 'A third assessment of global marine fisheries discards' (It-tielet valutazzjoni tal-iskartar tas-sajd fil-baħar fuq livell dinji), ippubblikat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) fl-2019,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0147/2021),
- A. billi l-mira 14.4 tal-Għan 14 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti tħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex sal-2020 tirregola b'mod effettiv il-qbid, twaqqaf is-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-prattiki tas-sajd qerrieda, u timplimenta pjanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza, sabiex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati fl-inqas żmien fattibbli, għall-inqas sa livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) skont kif ikun iddeterminat mill-karatteristiki bijoloġiċi tagħhom;
- B. billi l-volum tal-iskartar annwali tal-prodotti ġejjin mill-qabdiet li jsiru fil-baħar fid-dinja huwa stmat li hu ta' 9.1 miljun tunnellata, li jirrappreżentaw 10.8 % tal-qabda medja annwali tal-2010-2014; billi s-sajd għall-ispeċijiet tat-tonn u speċijiet pelaġiċi

⁴ Borges, L., The unintended impact of the European discard ban, ICES Journal of Marine Science, Volum 78, Hargha 1, Jannar-Frar 2021, pp. 134–141, <https://doi.org/10.1093/icesjms/fsaa200>

⁵ Landing Obligation and Choke Species in Multispecies and Mixed Fisheries - The North Sea (L-Obbligu ta' Ħatt l-Art u l-Ispeċijiet bi Kwota Limitanti fis-Sajd ta' Diversi Speċijiet u fis-Sajd Imħallat - Il-Baħar tat-Tramuntana).

⁶ Landing Obligation and Choke Species in Multispecies and Mixed Fisheries - The North Western Waters (L-Obbligu ta' Ħatt l-Art u l-Ispeċijiet bi Kwota Limitanti fis-Sajd ta' Diversi Speċijiet u fis-Sajd Imħallat - L-Ilmijiet tal-Majjistral).

⁷ Landing Obligation and Choke Species in Multispecies and Mixed Fisheries - The South Western Waters (L-Obbligu ta' Ħatt l-Art u l-Ispeċijiet bi Kwota Limitanti fis-Sajd ta' Diversi Speċijiet u fis-Sajd Imħallat - L-Ilmijiet tal-Lbiċ).

⁸ Il-projbizzjoni fuq l-iskartar, l-obbligu ta' ħatt l-art u l-MSY fil-Punent tal-Baħar Mediterran - il-każ ta' Spanja.

⁹ Il-projbizzjoni fuq l-iskartar, l-obbligu ta' ħatt l-art u l-MSY fil-Punent tal-Baħar Mediterran - il-każ tal-Italja.

¹⁰ Uhlmann, Sven & Ulrich, Clara & Kennelly, Steven. (2019). The European Landing Obligation: Reducing Discards in Complex, Multi-Species and Multi-Jurisdictional Fisheries.

oħra kellu l-aktar rati baxxi ta' skartar, filwaqt li s-sajd għall-krustacċji kellu l-ogħla rati ta' skartar; billi s-sajd għall-ħut demersali pproduċa l-ogħla volumi ta' skartar u s-sajd għall-molluski (minbarra ċ-ċefalopodi) ipproduċa l-aktar volumi baxxi; billi l-skartar globali annwali laħaq il-quċċata ta' madwar 18.8-il miljun tunnellata fl-1989 u naqas gradwalment għal inqas minn 10 miljun tunnellata sal-2014¹¹;

- C. billi l-iskartar huwa prattika komuni tas-sajd li fiha l-qabdiet mhux mixtieqa jintefgħu lura l-baħar, jew mejta jew ħajja, minħabba ħut li jkun difettuż, individwi iżgħar milli suppost (restrizzjonijiet fuq id-daqs minimu), raġunijiet ta' kummerċjabbiltà, nuqqas ta' kwoti jew regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabda; billi, qabel l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, ma kienx permess li jkun hemm ħut iżgħar milli suppost abbord jew li dan jinħatt l-art;
- D. billi l-qabdiet mhux mixtieqa u skartati jikkostitwixxu ħela sostanzjali ta' riżorsi naturali għall-konsum mill-bniedem u jistgħu jkollhom, u spiss għandhom, effett negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u l-ekosistemi tal-baħar kif ukoll fuq il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd; billi ċertu livell ta' qabdiet inċidentali mhux mixtieqa u skartar huwa inevitabbli, speċjalment fis-sajd imħallat;
- E. billi l-livelli storikament għolja ta' qabdiet skartati f'xi sajd tal-UE ħolqu problema serja għas-sostenibbiltà fit-tul tas-sajd tal-UE u għalhekk jitfegħu dubju fuq il-kredibbiltà tal-politika tas-sajd tal-Unjoni;
- F. billi l-projbizzjoni tal-prattika ta' selezzjoni skont il-valur (skartar ta' ħut kummerċjabbli), li ġiet introdotta fl-UE fl-2010, ġiet implimentata ħażin;
- G. billi l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif ġiet riformata fl-2013, għandha tiżgura li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu minimizzati, u introduċiet l-oġettivi li ġejjin: (a) li "telimina b'mod gradwali l-iskart fuq bażi ta' każ b'każ u b'kont meħud tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, billi tevita u tnaqqas, safejn possibbli, il-qbid inċidentali, u billi gradwalment tiżgura li" l-qabdiet ta' speċijiet kummerċjali regolati jinħattu "l-art" u (b) "fejn meħtieġ, tuża bl-aħjar mod il-qabdiet inċidentali, mingħajr ma toħloq suq għal dawn il-qabdiet li huma taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni";
- H. billi ma hemm l-ebda data affidabbli dwar il-qabdiet skartati jew evidenza xjentifika li tissuġġerixxi li l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art wasslet għal tnaqqis sostanzjali fil-qabdiet mhux mixtieqa; billi l-implimentazzjoni fqira tiegħu setgħet wasslet għal telf ta' viżibbiltà tal-qabdiet f'xi sajd u għal degradazzjoni fil-parir xjentifiku u fil-kwalità tad-data;
- I. billi s-settur tas-sajd għamel progress lejn l-ilħiq tal-oġettiv tal-MSY; billi 99 % tal-ħatt l-art fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku fl-2020 li kien ġestit esklussivament mill-UE u li għalih huma disponibbli valutazzjonijiet xjentifiċi ġie minn sajd ġestit b'mod sostenibbli; billi fil-Grigal tal-Atlantiku l-bijomassa għall-istokkijiet ivvalutati bis-sħiħ kienet 48 % ogħla fl-2018 milli fl-2003; billi għad fadal sfidi sinifikanti, speċjalment fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, fejn madwar 75 % tal-istokkijiet li huma vvalutati xjentifikament huma sfruttati żżejjed;

¹¹ A third assessment of global marine fisheries discards, FAO, 2019.

- J. billi l-obbligu ta' ħatt l-art, li ġie introdott gradwalment fuq erba' snin (2015-2019), jagħmilha mandatarja li jinħattu l-art u jitnaqqsu mill-kwoti applikabbli l-qabdiet kollha tal-ispeċijiet li huma soġġetti għal limiti fuq il-qabdiet u, fil-Baħar Mediterran, li huma soġġetti għal daqsijiet minimi fl-ilmijiet tal-UE, jew f'ċerti każijiet li jsiru minn bastimenti tal-UE f'ilmijiet internazzjonali, u jipprojbixxi li l-ħut li jkun iżgħar milli suppost jintuża għall-konsum dirett mill-bniedem;
- K. billi skont l-STEFCF¹², ma nġhatat l-ebda informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-flotot li joħorġu fuq distanzi twal li joperaw barra mill-ilmijiet tal-Unjoni; billi l-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal (LDAC) enfasizza li l-obbligu ta' ħatt l-art fil-prattika ma japplikax għall-bastimenti tal-UE li jistadu barra mill-ilmijiet tal-UE;
- L. billi l-ħut li jinħatt l-art li jkun iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni għadu jintuża biex isir ħut mitħun, ikel għall-annimali tad-dar jew bħala lixka għas-sajd bin-nases, b'redditi ekonomiċi baxxi; billi dawn l-użijiet alternattivi huma ekonomikament fattibbli meta jkun hemm faċilità tal-produzzjoni qrib il-port tal-ħatt l-art, iżda l-fattibbiltà tonqos (jew tisparixxi) meta jkun hemm il-ħtieġa ta' loġistika u infrastruttura għal trasport fuq distanzi twal jew il-ħtieġa ta' investimenti f'faċilitajiet ġodda ta' produzzjoni¹³;
- M. billi għadd ta' Stati Membri jissuġġerixxu li l-leġislazzjoni għandha tiġi emendata biex tippermetti li l-ħut li jkun iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni rilevanti li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art jintuża għal skopijiet ta' karità;
- N. billi l-obbligu ta' ħatt l-art mhuwiex projbizzjoni komprensiva għalkollox fuq l-iskartar peress li japplika biss għall-ispeċijiet regolati (qabdiet totali permissibbli (TACs) u sajd regolat mill-isforz li għalih ġie definit daqs minimu) u jinkludi eżenzjonijiet għall-ħut li jkun fih difetti kkawżati minn predaturi u għal kapaċità għolja ta' sopravivenza u eżenzjoni sa 5 % *de minimis* f'każijiet fejn huwa diffiċli li jinkisbu żiediet fis-selettività jew fejn l-immaniġġjar tal-qabdiet mhux mixtieqa jinvolvi spejjeż sproporzjonati; billi l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art tiddependi wkoll mill-użu estensiv ta' eżenzjonijiet temporanji li jeħtieġu rieżami bbażat fuq valutazzjoni xjentifika, u dan jassorbi l-ħin u l-isforz minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u mis-settur tas-sajd;
- O. billi l-livelli ta' skartar ivarjaw ħafna skont ir-reġjun u l-ispeċi, filwaqt li ftit li xejn insibu qabdiet skartati f'sajd fejn il-biċċa l-kbira tal-qabda jew kollha kemm hi hija ta' valur kummerċjali u sfruttata, bħal fil-każ tas-sajd fuq skala żgħira jew tradizzjonali u s-sajd li l-produzzjoni tiegħu hija għall-konsum dirett mill-bniedem;
- P. billi s-sajd fuq skala żgħira jimpjega aktar operatori u juża rkaptu aktar selettiv, li jikkawża inqas ħsara ambjentali u jaqdi rwol soċjali u ekonomiku ewlieni, kif ġie enfasizzat fir-rapport tal-2018 dwar L-Istat tas-Sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (SoMFi) tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM);
- Q. billi l-iskartar tal-qabdiet jikkontribwixxi għat-tmiġ ta' firxa ta' speċijiet li jfittxu l-

¹² Evalwazzjoni tar-Rapporti Annwali tal-Istati Membri dwar l-Obbligu ta' Ħatt l-Art (għall-2019) (STEFCF-Adhoc-20-02).

¹³ Market outlets for unwanted catches (Żbokki fis-suq għall-qabdiet mhux mixtieqa). EUMOFA. 2020.

karonji, minn komunitajiet ta' tjur sa dawk mesopelaġiċi u bentiċi, li huma ta' importanza fil-katina tal-ekoloġija trofika; billi l-letteratura xjentifika tikkonkludi li t-naqqis fil-qabdiet skartati permezz tal-obbligu ta' ħatt l-art jista' jaffettwa popolazzjonijiet ta' għadd żgħir ħafna ta' speċijiet f'ċerti żoni, iżda ġeneralment dan x'aktarx ma jkunx il-każ;

- R. billi l-"ispeċijiet bi kwota limitanti" huma speċijiet jew stokkijiet ta' ħut li għalihom Stat Membru, flotta jew bastiment partikolari għandhom inqas opportunitajiet (kwoti) tas-sajd milli għal speċijiet oħra; billi l-konformità sħiħa u stretta mal-obbligu ta' ħatt l-art, speċjalment fis-sajd imħallat, tkun tfixxer l-għeluq tas-sajd rilevanti ("imblukkar") ladarba l-kwota (limitata) għal dik l-ispeċi tkun intużat sabiex jitwaqqaf kwalunkwe qbid ulterjuri tagħha; billi l-potenzjal ta' imblukkar f'sajd imħallat għadu problema serja u seta' kkontribwixxa għall-implimentazzjoni baxxa tal-obbligu ta' ħatt l-art u naqqas l-iskambji tal-kwoti bejn l-Istati Membri, u b'hekk kompli jaggrava n-nuqqas ta' użu tal-possibiltajiet tas-sajd;
- S. billi s-selettività mhux se ssolvi għalkollox il-problemi f'dan is-sajd peress li jista' jkun teknikament diffiċli li tnaqqas l-qabdiet tal-istokkijiet bi kwota limitanti rilevanti mingħajr ma tikkawża telf kbir ta' qabdiet oħra kummerċjabbli, u b'hekk toħloq diffikultajiet ekonomiċi serji għall-flotot ikkonċernati; billi dan l-aħħar ġew adottati riżervi ta' kwoti għall-qabdiet inċidentali biex jilqgħu għas-sitwazzjonijiet tal-ispeċijiet bi kwota limitanti, li l-effikaċja tagħhom għad trid tiġi vvalutata;
- T. billi l-ammont ta' ħut mhux mixtieq maqbud fix-xibka u mtella' abbord jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ewwel nett permezz ta' evitar spazjali u temporali u miżuri ta' selettività tekniċi, u b'hekk jitnaqqsu l-ħin tal-immaniġġjar, il-konsum tal-fjuwil u l-ħtiġijiet tal-ħżin;
- U. billi l-STEFC jenfazizza li relattivament ftit miżuri mmirati biex iżidu s-selettività kienu inklużi fir-rakkomandazzjonijiet konġunti mill-gruppi reġjonali tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fl-2021; billi l-għadd ta' proġetti pilota biex jiġi ttestjat rkaptu aktar selettiv jew biex jiġu ttestjati strateġiji ta' evitar, skont l-Artikolu 14 tal-PKS, qed jonqos;
- V. billi matul dawn l-aħħar ftit snin il-Kunsill neħħa għadd ta' speċijiet mil-lista tat-TACs, u b'hekk neħħihom ukoll milli jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art;
- W. billi l-obbligu ta' ħatt l-art huwa strument biex jintlaħaq l-għan tas-selettività tal-PKS u mhuwiex għan fih innifsu;
- X. billi r-riżervi ta' kwoti għall-qabdiet inċidentali ġew adottati dan l-aħħar biex jilqgħu għas-sitwazzjonijiet tal-ispeċijiet bi kwota limitanti;
- Y. billi l-iskartar ta' qabdiet mhux mixtieqa huwa fenomenu preżenti fis-sajd kollu madwar id-dinja u mhuwiex problema unika għall-Ewropa; billi l-ilmijiet tal-UE huma notevoli għall-abbundanza tagħhom ta' sajd imħallat; billi għadd ta' pajjiżi terzi u territorji awtonomi stabbilixxew projbizzjonijiet ta' livelli differenti fuq l-iskartar tal-qabdiet, inklużi l-Kanada, il-Gżejjer Faeroe, in-Norveġja, l-Iżlanda, iċ-Ċili u New Zealand; billi pajjiżi terzi oħra, bħall-Istati Uniti tal-Amerka, ma pprojbixxew l-iskartar peress li l-leġiżlazzjoni tas-sajd tagħhom, minflok, tuża approċċi oħra biex tnaqqas il-qabdiet

mhux mixtieqa; billi l-projbizzjoni tan-Norveġja u l-Islanda fuq l-iskartar ġiet adattata tul 30 sena b'reazzjoni għal problemi speċifiċi; billi l-impatt tal-projbizzjoni taċ-Ċili fuq l-iskartar għadu mhux magħruf għalkollox minħabba li għadhom kemm bdew jimplimentawha; billi l-qabdiet skartati għadhom problema ewlenija fil-ġestjoni tas-sajd tan-New Zealand;

- Z. billi l-prinċipju tal-istabbiltà relattiva, spjegat għall-ewwel darba fir-regolament bażiku tal-PKS tal-1983 u implimentat mir-Regolament dwar it-TACs u l-Kwoti tal-istess sena, jistabbilixxi skema ta' distribuzzjoni tat-TAC skont l-Istat Membru abbażi tal-prinċipji tal-allokkazzjoni tal-qabdiet storiċi (1973-1978), id-dipendenza kif minquxa fil-Preferenzi tal-Aja tal-1976, u t-telf ġurisdizzjonali (1973-1976);
- AA. billi ġew ippubblikati kważi 4 000 dokument xjentifiku dwar il-qabdiet skartati, li minnhom aktar minn 3 700 huma relatati mas-sajd industrijali, filwaqt li inqas minn 200 dokument huma ffukati fuq is-sajd kostali fuq skala żgħira;
- AB. billi minn qisu l-1950 'il hawn ħafna speċijiet tal-baħar f'diversi gruppi għaddew minn bidliet fil-medda ġeografika u l-attivitàjiet staġjonali b'reazzjoni għat-tiġin tal-oċeani u l-bidliet bijoġeokimiċi, bħat-telf tal-ossiġenu, fil-ħabitats tagħhom, u dan irriżulta f'bidliet fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, fl-abbundanza u fil-produzzjoni tal-bijomassa tal-ekosistemi, mill-ekwatur sal-poli; billi l-bidla fid-distribuzzjoni tal-istokkijiet tal-ħut għandha impatt fuq il-ġestjoni futura tas-sajd u b'hekk ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art;
- AC. billi l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku dwar politiki li jnaqqsu l-iskartar qabel il-proposta tagħha għal regolament bażiku ġdid tal-PKS f'Lulju 2011, iżda s'issa naqset milli tanalizza bir-reqqa l-impatt soċjoekonomiku u l-effetti tagħha fuq is-sikurezza abbord jew li tipprovdni tweġibiet għat-ħassib dwar l-implimentazzjoni mqajjem mill-Kunsilli Konsultattivi u l-Istati Membri;
- AD. billi għadu mhux magħruf l-iskartar kemm tnaqqas; billi sa ħames Stati Membri ma pprovdew l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-2019, u tnejn minn dawn l-Istati naqsu milli jagħmlu dan għal dawn l-aħħar tliet snin;
- AE. billi d-differenzi fil-kontroll u l-infurzar tal-obbligu ta' ħatt l-art jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwi fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom; billi fir-rapporti tagħha li jevalwaw il-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art, l-EFCA sabet implimentazzjoni insuffiċjenti mill-Istati Membri u ressqet rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-kontroll;
- AF. billi l-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-PKS, inkluż l-obbligu ta' ħatt l-art, sal-31 ta' Diċembru 2022;
- 1. Jafferma l-oġettiv ġenerali tal-UE li tiżgura l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jenfasizza li t-tnaqqis tal-qabdiet skartati u l-minimizzazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa huma prijorità tal-politika pubblika li ssawret b'reazzjoni għat-ħassib dwar ir-responsabbiltà, il-konservazzjoni u l-ħela tar-riżorsi naturali, kif ukoll għall-ħtieġa xjentifika li jitqiesu bis-siġħ is-sorsi kollha tal-mortalità mis-sajd;

2. Jiddispjaċih li r-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-PKS jinkludu fit wisq informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, mingħajr l-ebda informazzjoni s'issa dwar kemm tnaqqsu l-qabdiet skartati fl-ambitu tal-obbligu u bl-ebda analiżi tal-impatt soċjoekonomiku tal-obbligu jew tal-effetti tal-implimentazzjoni tiegħu fuq is-sikurezza abbord il-bastimenti tas-sajd;
3. Jirrikonoxxi li l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art tirrappreżenta bidla paradigmatika u waħda mill-akbar sfidi fl-istorja tal-ġestjoni tas-sajd tal-UE – mir-reġistrazzjoni tal-ħatt l-art, u anke li xi drabi l-iskartar tal-qabdiet isir obbligatorju, sa sistema li tirreġistra l-qabda kollha kemm hi – li flimkien mal-introduzzjoni tal-politika tal-MSY, inevitabbilmint kellha firxa wiesgħa ta' impatti ekoloġiċi u soċjoekonomiċi fuq żmien qasir u fit-tul; jenfasizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tal-obbligu ta' ħatt l-art;
4. Jinnota li l-politika dwar l-MSY ma timplikax li ma hemmx qabdiet skartati, u l-iskartar ma jfissirx li l-MSY ma setax jntlaħaq – l-evidenza taż-żewġ dikjarazzjonijiet tista' tinstab f'ħafna stokkijiet, inklużi l-ispeċijiet tal-qabdiet inċidentali;
5. Jenfasizza l-progress li sar f'dik li hi kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-passi meħuda biex tittejjeb is-selettività; jinnota, madankollu, li, skont il-Kummissjoni u l-STEFCF, l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għadha ġeneralment baxxa u li l-iskartar qed iseħħ b'rati li huma bejn wieħed u ieħor komparabbli mas-snin ta' qabel ma ddaħħal l-obbligu ta' ħatt l-art;
6. Jirrikonoxxi li mill-2010 'l hawn kien hemm l-obbligu li l-qabdiet skartati jiġu rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord skont ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd; jiddeplora l-fatt li, minkejja l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, għad hemm data affidabbli u għarfien limitati dwar il-volum tal-qabdiet skartati, l-ġhadd ta' TACs ta' prekawzjoni żdied, b'kuntrastrast mat-tnaqqis fil-kwantitajiet ta' TACs analitiċi, u d-disponibbiltà ta' informazzjoni xjentifika dwar l-istatus tal-istokkijiet ma tji bitx b'mod sostanzjali;
7. Jinnota li l-obbligu ta' ħatt l-art ikompli jqajjem tħassib fl-industrija tas-sajd u fi ħdan il-komunità xjentifika minħabba ostakli ta' natura diversa; jirrimarka li l-kawżi ta' tħassib tas-settur tas-sajd huma n-nuqqas ta' infrastruttura adegwata fil-portijiet, l-ispejjeż operattivi li qed jiżdiedu, in-nuqqas ta' inċentivi għall-konformità pprovduti mill-awtoritajiet, u d-diffikultajiet fil-kisba ta' selettività akbar f'xi sajd mingħajr ma tiġi pperikolata l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd, speċjalment f'sajd imħallat espost għal riskju għoli ta' sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti li jwasslu għal utilizzazzjoni insuffiċjenti tal-kwoti disponibbli u l-possibbiltà tal-ġheluq bikri tas-sajd u għall-ħolqien ta' diffikultajiet ekonomiċi serji għall-flotot ikkonċernati; jinnota li s'issa ġew irrappurtati biss żewġ każijiet: il-lingwata (il-Belġju) u t-tonn obeż (Franza);
8. Jiddispjaċih li d-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-iskartar wasslu għal rappreżentazzjoni negattiva tas-sajjieda u l-isforzi tas-settur tas-sajd, minkejja l-progress li sar fl-ilħiq tal-oġettiv tal-MSY;
9. Jinnota l-miżuri reċenti li ttieħdu s'issa – l-iskambji tal-kwoti u r-riżervi tal-kwoti għall-speċijiet tal-qabdiet inċidentali – għalkemm dawn il-miżuri fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex permanenti u huma soġġetti għal negozjati bejn l-Istati Membri u l-effiċjenza tagħhom għadha trid tiġi vvalutata bir-reqqa; jenfasizza l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli

amministrattivi għall-implimentazzjoni effettiva tal-obbligu ta' ħatt l-art u li jissaħħu l-iżvilupp u l-aċċettazzjoni ta' rkaptu selettiv ġdid u li jkomplu jiġu żviluppati ulterjorment pjanijiet effettivi għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali bil-għan li l-istokkijiet vulnerabbli jinbnew mill-ġdid;

10. Jenfasizza l-potenzjali u l-ħtieġa tal-użu tal-eċċezzjonijiet (kapaċità għolja ta' sopravivenza u l-eżenzjoni *de minimis*) previsti fir-regolament biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u biex wieħed jilqa' għas-sitwazzjonijiet potenzjali ta' kwoti limitanti; ifakkar li jeħtieġ li jiġu pprovduti evidenza u data affidabbli u preċiżi u jirrakkomanda li l-proċess għall-għoti ta' eżenzjonijiet jiġi ssimplifikat, inkluż il-ġbir aħjar tad-data;
11. Jenfasizza li l-STEFC irrikonoxxa li l-kwalità tas-sottomissjonijiet li jappoġġaw l-eżenzjonijiet ittejbet b'mod ġenerali minn meta ġew imressqa l-ewwel rakkomandazzjonijiet konġunti fl-2014; jirrikonoxxi li l-għoti ta' data u informazzjoni b'appoġġ għall-eżenzjonijiet jista' jkun ta' sfida minħabba n-natura tad-data meħtieġa; jinnota bi tħassib, madankollu, li l-STEFC enfasizza li hemm ħafna każijiet fejn l-informazzjoni u d-data fornuti mhumiex speċifiċi għall-ispeċijiet u/jew għas-sajd u li l-istess studji u suppożizzjonijiet jintużaw biex jappoġġjaw eżenzjonijiet multipli; jenfasizza li l-fatt li mhemmx data u informazzjoni speċifiċi għall-ispeċijiet u għas-sajd jagħmilha diffiċli li jiġi evalwat l-impatt probabbli ta' eżenzjoni proposta jew jekk l-eżenzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet *de minimis* jew ta' sopravivenza għolja;
12. Jinsab imħasseb li t-tnaqqis progressiv ta' ċerti arranġamenti flessibbli, bħall-eżenzjoni *de minimis*, jista' jikkawża jew jaggrava l-effett ta' mblukkar u jwassal għall-għeluq tas-sajd; jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati skemi effettivi ta' tnaqqis tal-qabdiet inċidentali f'sajd inqas selettiv bħalma huma ż-żoni tat-tkarkir pelaġiku;
13. Ifakkar li l-obbligu ta' ħatt l-art mhuwiex għan fih innifsu iżda għodda biex tixpruna t-titjib fl-imġiba tas-sajd u f'dik operazzjonali, tinċentiva l-iżvilupp u l-użu ta' rkapti aktar selettivi sabiex jiġu minimizzati l-qabdiet mhux mixtieqa, u ttejjeb id-dokumentazzjoni tal-qbid għal fehim u valutazzjoni xjentifika aħjar tal-istokkijiet tal-ħut; jinnota li ħafna sajjieda ma jaqblux mar-rabta bejn l-oġġettivi tal-obbligu ta' ħatt l-art u l-implimentazzjoni tiegħu, li għandha t-tendenza li xxekkel il-konformità; jirrikonoxxi l-fatt li filwaqt li l-ilħiq ta' dan l-oġġettiv aħħari jirrikjedi ż-żmien kif ukoll għarfien suffiċjenti, huma meħtieġa sforzi akbar biex jiġi promoss il-fehim komuni tiegħu biex jitqiegħdu fil-prattika r-riżultati tal-istudji mwettqa mix-xjentisti u s-sajjieta biex tittejjeb is-selettività u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja pjanijiet għat-titjib tas-selettività, inkluż fejn xieraq bl-użu ta' inċentivi għall-aċċettazzjoni ta' rkaptu aktar selettiv;
14. Jenfasizza l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari f'dawk li huma bastimenti, flotot li qed jeqdiemu, u portijiet b'kapaċità mnaqqsa ta' ħżin u pproċessar, li jistgħu jirrendu l-obbligu ta' ħatt l-art imprattiku;
15. Jinnota li l-livelli ta' skartar tal-qabdiet ivarjaw ħafna mid-diversi attivitajiet tas-sajd għad-diversi baċiri tal-baħar, u dan iwassal għall-perċezzjoni li l-approċċ ta' "regola waħda tajba għal kulħadd" jista' ma jkunx l-aħjar strateġija biex is-sajjieta jitħeġġu jsiru aktar selettivi; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika n-nuqqasijiet ewlenin u tipproponi soluzzjonijiet adattati u mfassla apposta għal sajd speċifiku għal kull baċir tal-baħar,

filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lis-sajd artiġjanali fuq skala żgħira, speċjalment fir-reġjuni ultraperiferiċi;

16. Ifakkar li l-qafas legali attwali jipprovdi l-bażi legali biex l-Istati Membri jaħdmu flimkien b'mod attiv sabiex jiddefinixxu regoli tas-sajd selettiv b'mod aktar flessibbli u jużaw għodod ta' mitigazzjoni ppruvati xjentifikament; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' approċċ reġjonali, inkluż l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, u jagħmlu użu sħiħ mis-sussidji li hemm għad-dispożizzjoni tagħhom għal dan il-għan; itenni l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħaqq l-art;
17. Jilqa' r-riżultati minn studji xjentifiċi reċenti (eż. DiscardLess, MINOUW u LIFE iSEAS) dwar is-selettività innovattiva tal-irkapti, l-istrateġiji ta' evitar u l-modifiki lill-bastimenti biex jitrattaw abbord il-qabdiel mhux mixtieqa; iqis li huwa meħtieġ li jitkomplew l-isforzi fir-riċerka biex jittejbu s-selettività tal-irkaptu, l-istrateġiji tal-evitar u l-immaniġġjar tal-qabdiel mhux mixtieqa; jilqa' l-proposta ta' "Mission Starfish 2030: Restore our Ocean and Waters" (Missjoni Stella tal-Baħar 2030: Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna) u jqis li missjoni fil-qasam ta' oċeani, ibħra u ilmijiet kostali u interni b'saħħithom se tgħin biex jiġu żviluppata soluzzjonijiet meħtieġa b'mod urġenti li jkollhom impatt dirett fuq is-settur tas-sajd u fuq l-użu u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani;
18. Jenfasizza li s-sistemi ta' ġestjoni tas-sajd, biex ikunu effiċjenti, inkluż li jkunu jistgħu jintużaw l-elementi kollha biex l-obbligu ta' ħaqq l-art jiġi implimentat b'mod xieraq u jintlaħqu l-oġettivi tal-PKS, jeħtieġ li jiġu appoġġjati minn dokumentazzjoni u data xjentifika preċiżi u affidabbli dwar il-qabdiel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplementaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE jekk ikun meħtieġ u jieħdu azzjoni ulterjuri biex jiżguraw id-dokumentazzjoni u l-ġbir tad-data kompluti, b'mod proporzjonat mal-kapaċità tas-sajd tagħhom għall-flotta kostali fuq skala żgħira;
19. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' kontroll xieraq fuq l-obbligu ta' ħaqq l-art u n-nuqqas ta' konformità miegħu u jissottolinja l-impatt negattiv li tali nuqqasijiet għandhom fuq is-sostenibbiltà, anke minħabba l-istabbiliment tat-TACs ibbażati fuq il-qabda totali inklużi l-hekk imsejja "żidiet fil-kwota" biex ikopru l-ħut li ġie skartat qabel;
20. Jenfasizza li l-eżistenza ta' għadd kbir ta' regoli, eżenzjonijiet u derogi li ġew adottati matul dawn l-aħħar ftit snin tikkomplika l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħaqq l-art u l-evalwazzjoni tal-konformità mill-EFCA, u dan jagħmilha aktar diffiċli li jintlaħqu l-oġettivi tal-protezzjoni u t-titjib tas-sostenibbiltà tas-sajd; jenfasizza li l-użu tal-eżenzjonijiet kif previst fil-PKS huwa tal-akbar importanza għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħaqq l-art;
21. Jitlob li jsir użu aħjar mit-teknoloġiji l-ġodda u mis-soluzzjonijiet diġitali żviluppata b'kooperazzjoni mas-settur tas-sajd u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jittejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza bir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità tan-negozju;
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sajjieda u ta' partijiet ikkonċernati oħra fl-implimentazzjoni tal-politiki, biex b'hekk titrawwem kultura ta' konformità, u fil-bidliet

maż-żmien b'mod gradwali u adattabbli fir-regoli dwar l-obbligu ta' ħatt l-art; jenfasizza l-benefiċċji addizzjonali tal-iskemi volontarji u dawk marbuta mal-inċentivi biex jittejjeb l-involviment tas-sajjieda;

23. Jenfasizza li filwaqt li t-titjib tas-selettività għandu jkompli jkun prijorità għolja, l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art teħtieġ approċċ transsettorjali u t-tfassil ta' inċentivi ċari biex jiġu inkoraġġiti l-aħjar Prattiki ta' mitigazzjoni; jirrakkomanda l-miżuri ta' akkumpanjament u l-ġhodod ta' ġestjoni li ġejjin:
- a. l-użu u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tal-ġhodod ibbażati fuq il-kwoti, f'konformità mal-prinċipji tal-PKS u dment li jiġu stabbiliti miżuri ta' kontroll effettivi, bħalma huma:
 - id-distribuzzjoni tal-kwoti f'konformità mal-kompożizzjoni mistennija tal-qabdiet;
 - l-aġġustamenti permezz tal-iskambji tal-kwoti ma' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi ġirien li magħhom l-UE taqsam l-istokkijiet, imwettqa b'mod flessibbli u effiċjenti biex jiġi evitat l-użu insuffiċjenti tal-kwoti billi, pereżempju, nimxu lejn mekkaniżmi permanenti u mhux biss mekkaniżmi li jiġġeddu kull sena wara l-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti, f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;
 - l-allokazzjoni tas-sehem stmat ta' skartar għall-kwoti għas-sajjieda, speċjalment dawk li joperaw fuq skala żgħira, li jagħżlu li jużaw irkaptu aktar selettiv;
 - b. l-istudju tal-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' approċċ ta' ppjanar spazjali tal-baħar u ta' ġestjoni skont iż-żona sabiex jiġu evitati l-qabdiet skartati billi s-sajjieda jiġu ggwidati lejn żoni fejn huwa inqas probabbli li jkun hemm ħut iżgħar milli suppost, filwaqt li jiġi żgurat li tali miżuri ma jirriżultawx f'li b'mod estensiv ma jsirx użu ta' speċijiet oħra ta' daqs kummerċjali;
 - c. l-għoti ta' aktar flessibbiltà biex is-sajjieda jkunu jistgħu jagħżlu soluzzjonijiet rigward l-irkapti, flimkien ma' responsabbiltà akbar għad-dokumentazzjoni (dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet);
 - d. id-dispożizzjoni ta' mekkaniżmi flessibbli għall-approvazzjoni ta' tipi ġodda ta' rkaptu selettiv ħalli l-partijiet ikkonċernati jiġu inċentivati japplikaw għal proġetti pilota u jwettquhom;
 - e. l-għoti ta' aċċess esklużiv għall-postijiet tas-sajd jew għall-perjodi ta' żmien sabiex tiġi inkoraġġita s-selettività;
 - f. l-adottatar ta' strateġiji biex isir l-aħjar użu mill-qabdiet mhux mixtieqa għal finijiet oħra minbarra l-konsum mill-bniedem mingħajr ma tinħoloq domanda għal qabdiet ta' ħut li jkun iżgħar milli suppost u dment li jkun fattibbli għas-sajjieda mil-lat ekonomiku u dak operattiv;
 - g. l-iżvilupp ta' atlas tal-iskartar bħala inventarju tal-qabdiet mhux mixtieqa fis-sajd u ż-żoni differenti sabiex jiġu żviluppjati aħjar pjanijiet reġjonali għall-qabdiet

inċidentali, li jinvolvu lill-Istati Membri u lill-industrija tas-sajd u li jkunu appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd;

- h. l-użu u l-iżvilupp ta' għodod ta' intelliġenza artifiċjali volontarji u marbuta mal-inċentivi biex tiżdied is-selettività u l-kontroll u tittejjeb l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet, b'kollaborazzjoni mas-settur tas-sajd u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri;
 - i. l-introduzzjoni progressiva tar-rekwiżit tal-konformità mal-istess politika tal-iskartar għall-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi sabiex jiġu eliminati l-iżvantaġġ komparattiv u l-kompetizzjoni inġusta għall-flotta Ewropea, filwaqt li nersqu lejn protezzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd fuq livell dinji;
 - j. it-tiġdid tal-obbligu tal-Kummissjoni li tirrapporta kull sena dwar is-sitwazzjoni attwali tal-PKS u l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' hätt l-art, u tipprovdi aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-impatt soċjoekonomiku u, fost aspetti oħra, il-konsum tal-fjuwil, l-ispazju għall-ħżin, l-effetti fuq is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, it-tnaqqis tal-qabdiet skartati u tal-qabdiet mhux mixtieqa, u l-istatus imtejjeb tal-istokkijiet (MSY);
24. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-PKS mistenni fl-2022, b'mod partikolari:
- a. tivvaluta kemm intlaħaq l-għan tat-tnaqqis tal-qabdiet skartati fl-ambitu tal-obbligu ta' hätt l-art u jekk dan ikkontribwixx għat-titjib tal-istatus tal-istokkijiet (MSY) u għat-tnaqqis tal-impatt fuq l-ekosistema tal-baħar;
 - b. tivvaluta l-impatt soċjoekonomiku tal-obbligu ta' hätt l-art, is-sistema ta' remunerazzjoni, l-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ u l-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tax-xogħol abbord, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-FAO u tal-ILO;
 - c. tidentifika u timmonitorja s-sajd fejn l-evidenza xjentifika tindika li attwalment huwa diffiċli li jinkisbu żidiet fis-selettività;
 - d. tivvaluta l-effettività u l-applikabbiltà tar-riżervi ta' kwoti adottati reċentement għall-qabdiet inċidentali bħala għodda effiċjenti u applikabbli biex wieħed jilqa' għas-sitwazzjonijiet tal-ispeċijiet bi kwota limitanti;
 - e. tivvaluta l-impatt fuq is-sostenibbiltà tal-ispeċijiet li l-Kunsill neħħa mil-lista tal-istokkijiet soġġetti għat-TACs f'dawn l-aħħar snin u tevalwa l-konsegwenzi potenzjali tal-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fl-ambitu tas-sistema tat-TACs;
 - f. tidentifika u tneħħi d-diffikultajiet amministrattivi li wieħed jiltaqa' magħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' selettività, li qed ixekklu l-isforzi li s-sajjieda jagħmlu biex ikunu aktar selettivi;
 - g. tidentifika l-opportunitajiet kummerċjali u/jew karitatevoli fi sforz biex isir l-aħjar użu possibbli ta' dawg il-qabdiet ta' ħut iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza li jinħattu l-art li ma jistgħux jiġu evitati u l-qabdiet mhux mixtieqa, sabiex tiġi evitata l-ħela tar-riżorsi naturali, kif ukoll jiġi evitat li jiġu pperikolati l-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-PKS;
 - h. tivvaluta jekk il-politika attwali dwar l-obbligu ta' hätt l-art hijiex adatta għall-iskop tagħha u tevalwa l-fattibbiltà tal-adattament tal-obbligu ta' hätt l-art fuq bażi ta' kull każ għalih skont is-sajd u/jew l-istokk;

- i. tivvaluta l-perkorsi għal adattament u simplifikazzjoni aħjar tal-Artikolu 15 tal-PKS biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-fehim tiegħu mill-partijiet ikkonċernati kollha u b'mod partikolari l-użu mill-Istati Membri tal-għodod kollha disponibbli provduti mill-qafas ġuridiku fis-seħħ biex tittejjeb is-selettività u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa;
25. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq, abbażi ta' din l-evalwazzjoni u jekk ikun xieraq, proposta leġiżlattiva sabiex jintlaħqu aħjar l-oġġettivi tat-tnaqqis tal-qabdiet skartati u t-titjib tal-istokkijiet;
26. Jenfasizza t-tħassib li l-istokkijiet maqsuma ma' pajjiżi terzi mhux dejjem ikunu soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet dwar il-qabdiet skartati; jenfasizza l-ħtieġa ta' konverġenza progressiva fir-rigward tal-oġġettivi ewlenin tal-ġestjoni tas-sajd sabiex jiġu żgurati l-ogħla standards għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb fir-rigward tal-ekosistema tal-baħar kondiviża, is-sostenibbiltà tal-attività tas-sajd u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mar-Renju Unit;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Regġuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	19.4.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, Søren Gade, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Grace O'Sullivan, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Emma Wiesner
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Benoît Biteau, Manuel Bompard, Nicolás González Casares, Valentino Grant, Petros Kokkalis, Gabriel Mato, Nuno Melo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

26	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Ruža Tomašić
ID	Rosanna Conte, Valentino Grant
PPE	François-Xavier Bellamy, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Nuno Melo, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Pierre Karleskind, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Giuseppe Ferrandino, Nicolás González Casares, Predrag Fred Matić, Manuel Pizarro
The Left	Manuel Bompard
Verts/ALE	Benoît Biteau, Rosa D'Amato, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

1	-
ID	France Jamet

1	0
The Left	Petros Kokkalis

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni